MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 857/2006

L-Avukat Dottor David Tonna
vs
L-Avukat Dottor Keith Bonnici

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Jannar 2001 (li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata Dok A), l-intimat kien jikri minghand ir-rikorrent il-fond li jinsab f'41, Strait Street, Valletta u kien igawdi l-uzu mhux esklussiv tal-partijiet komuni tal-istess fond, versu l-hlas prezentament, tal-kera ta' tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm385), pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

2. Illi l-intimat kien ilu, ghal aktar minn tliet (3) xhur, moruz fil-hlas tal-kera dovuta lir-rikorrent, u kien baqa'

hekk moruz anke wara li kien gie notifikat b'ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2006 (li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument B), ghal perjodu ta' aktar minn xahar mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, u cioe` t-23 ta' Gunju, 2006.

3. Illi a tenur tal-artikolu 17 tal-iskrittura privata tat-23 ta' Jannar, 2001, fl-eventwalita` li l-intimat ikun moruz fil-hlas tal-kera dovuta ghal aktar minn tliet (3) xhur wara li dik il-kera tkun dovuta, u ma jhallasx l-istess kera fi zmien xahar wara li jkun gie notifikat b'ittra ufficjali, il-kirja tigi determinata.

4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-kirja a tenur tal-iskrittura privata tat-23 ta' Jannar, 2001 giet determinata u dana a tenur tal-Artikolu 17 tal-istess skrittura.

3. Tordna lill-intimat jizgombra mill-fond *de quo* fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kif hawn fuq premess, kontra l-intimat, li gie ingunt ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent, inkluza l-kawza ghall-hlas tal-kera dovuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat debitament notifikat ma deherx fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2006.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. David Tonna li fih issemma li permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Jannar 2001 l-intimat kien jikri minghandu l-fond 41, Strait Street, Valletta u kien igawdi l-uzu mhux esklussiv tal-partijiet komuni tal-istess fond, versu l-hlas prezentament, tal-kera ta' Lm385 pagabbli kull 6 xhur bil-quddiem. L-intimat kien ilu ghal aktar minn 3 xhur moruz fil-hlas tal-kera dovuta u kien baqa' hekk moruz anke wara li kien gie notifikat b'ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2006, ghal perjodu ta' aktar minn xahar mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, u cioe` t-23 ta' Gunju, 2006. A tenur tal-artikolu 17 tal-iskrittura privata tat-23 ta' Jannar, 2001, fl-eventwalita` li l-intimat ikun moruz fil-hlas tal-kera dovuta ghal aktar minn 3 xhur wara li dik il-kera tkun dovuta, u ma jhallasx l-istess kera fi zmien xahar wara li jkun gie notifikat b'ittra ufficjali, il-kirja tigi determinata.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent jidhru gustifikati, u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiddikjara li l-kirja a tenur tal-iskrittura privata tat-23 ta' Jannar, 2001 giet determinata u dana a tenur tal-Artikolu 17 tal-istess skrittura. Tordna lill-intimat jizgombra mill-fond ***de quo*** fi zmien xahrejn.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------